GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

# PRESS RELEASE

| PR240635 | 20.04.2024 | 4 |
|---|---|---|

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

"Iż-żgħażagħ Ewropej għandhom jiskopru mill-ġdid il-prinċipji fundamentali tal-integrazzjoni Ewropea, u d-dar komuni tagħna, li hi l-Ewropa", tenna d-Deputy Speaker David Agius meta ndirizza l-NSTF Mini-European Assembly li tlaqqa' dalgħodu ġewwa l-binja tal-Parlament.

Id-Deputy Speaker qal dan meta rrifera għall-elezzjoni tal-Parlament Ewropew li ser isir f'kuntest ta' kriżi minħabba l-Gwerra fl-Ukraina u l-instabbiltà fil-Lvant Nofsani. Hu kompla billi qal li l-familja Ewropea għandha tkun miftuħa għal popli oħra, fejn magħhom l-Ewropa trid dejjem tfittex li jkollha relazzjonijiet mill-qrib mibnija fuq id-dritt internazzjonali u b'rispett lejn id-dinjità tal-persuna umana.

Fid-diskors tiegħu hu fakkar liż-żgħażagħ preżenti  kif beda l-proċess ta' integrazzjoni Ewropea hekk kif ġiet fi tmiem tagħha t-Tieni Gwerra Dinija, fejn fakkar li mexxejja Ewropej qablu li jieħdu inizjattiva politika u ta' natura ekonomika favur is-sliem u l-paċi fid-dinja. Dan kien ukoll ifisser tiġdid tal-interess komuni tal-pajjiżi Ewropej, fost dawn, fir-rispett tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Persuna Umana, id-demokrazija parlamentari, is-solidarjetà soċjali u d-determinazzjoni tagħhom li jingħaqdu flimkien biex jiżguraw li l-Ewropa ma tgħaddix għal darb'oħra mit-tifrik u mwiet ta' gwerra.

L-Onorevoli David Agius qal li dan kien ifisser li l-pajjiżi Ewropej ħolqu strutturi politiċi, ekonomiċi, u anke ta' natura kulturali u soċjali biex l-aspirazzjoni komuni tal-ġnus Ewropej jitwettqu minkejja sitwazzjonijiet diffiċli ħafna tal-Gwerra l-Bierda, bl-Ewropa maqsuma fi tnejn, dawk l-Ewropej li iħaddnu prinċipji ta' demokrazija parlamentari u l-ħarsien tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Persuna Umana, u l-pajjiżi tal-Lvant tal-Ewropa taħt l-influwenza Sovjetika u komunista. Hawn fakkar ukoll dwar l-importanza tal-waqa' tal-ħajt ta' Berlin li fiżikament kien jifred lill-Ewropej u li dan l-avveniment ġab miegħu nifs ġdid, u tama ġdida.

Matul is-seduta ippartecipaw diversi studenti. Il-konferenza kienet indirizzata wkoll mill-President tal-Parlament Ewropew Roberta Metsola u mill-MP Eve Borg Bonello, Shadow Minister għat-Tibdil fil-Klima.

3, Castille Place, Valletta VLT 2000. Malta
T +356 2200 1700 E press.releases@gov.mt

www.doi.gov.mt